3 ta' April, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Morana

**Perikolu fil-Bini — Rimozzjoni tal-Inkonvenjent**

*L-imputat li kien ġie kundannat b'sentenza tal-Qorti biex jirrimedja għall-perikolu li kien hemm fil-bini tiegħu ma jikkonformax ruħu mal-liġi jekk, meta jneħħi dak il-perikolu, joħloq ieħor. Il-fatt li jitneħħa l-perikolu li kien viżwalizzat fis-sentenza b'mod li jinħoloq perikolu ieħor ma hux konformazzjoni mal-liġi.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat talli f'dawn l-aħħar żmenet, Bormla, naqas li jobdi l-ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja b'sentenza tat-18 ta' Novembru, 1953, wara li l-istess Qorti kienet tagħtu tmintax-il ġurnata żmien biex ineħħi l-perikolu mill-post tiegħu nru. 25, Star Street, taħt piena ta' 2s.6d. kuljum jekk jonqos;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 1954, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu iħallas il-penali ta' £6.15.0 għal 54 ġurnata mit-3 ta' Diċembru, 1953, sas-26 ta' Jannar, 1954;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella minn din id-deċiżjoni, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza tat-18 ta' Novembru, 1953, li kopja tagħha ġiet eżibita b'nota tal-Prosekuzzjoni tal-15 ta' Marzu, 1954, l-imputat kien ġie kundannat jirrimedja għall-perikolu li kien hemm fit-travu tal-kamra fil-post numru 25, Star Street, Bormla, kif hemm espressament imsemmi fiċ-ċitazzjoni relattiva għal dik is-sentenza;

Mix-xhieda tal-perit Carmelo Bonello jirriżulta li dak it-travu kien perikoluż, għaliex kellu ras imsewsa;

L-imputat, minflok biddel it-travu, qabad u qala kollox, travu u xorok, u ħalla l-post "pro tanto" skopert, u kkrea perikolu ieħor;

Issa, l-argument tad-difiża li b'hekk il-perikolu viżwalizzat fl-ewwel sentenza gie mneħħi hu speċjuż, imma għal kollox inattendibbli. L-imputat, bl-ewwel sentenza gie kundannat jikkonforma ruħu mal-liġi ntiża biex jitneħħa perikolu; u ċertament din il-konformazzjoni mal-liġi ma tistax raġjonevolment tiġi ntiża fis-sens li wieħed ineħħi l-perikolu b'mod li jikkrea perikolu ieħor; għaliex kieku kien hekk, il-liġi tista' tiġi evaża u newtralizzata;

Id-dmir ta' l-imputat, ġa ladarba kien hemm dik is-sentenza, kien li jissostitwixxi t-travu difettus; dan hu ma għamilux, u f'dan is-sens hu ma kkonformax ruħu ma' l-ordni kontenut f'dik is-sentenza, u għalhekk inkorra fil-penali preskritta fil-parti komminatorja ta' dik l-istess sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.